MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2006

Numru 945/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Romina Veneziani)**
**vs**
**Abdul Baset Dabia**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Abdul Baset Dabia** ta' 37 sena, bin Mohamed u Mabrouka, imwieled Libya nhar il-5 ta' Jannar, 1969, residenti 5, Sqaq il-Ghajn, Hamrun u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 19563(M);

Talli nhar it-Tnejn, 4 ta' Settembru, 2006 f'tas-Sliema u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, sahhaht il-volonta' ta' Ali Mustafa Kabes jaghmel id-delitt, u cioe' dak ta' serq. Dan bi ksur tal-artikolu 42(e) u 43 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Nakkuzah ukoll talli taht l-istess cirkostanzi, ikkommettejt serq ta' vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAA-409,

liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-Lm1,000, ghad-dannu ta' Anna Spiteri mill-Hamrun. Dan bi ksur tal-artikoli 261, 267 u 279 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer soqt vettura bin-numru HAA-409 mhux licenzjata mill-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku jew mill-Kummissarju tal-Pulizija meta ma kontx koperta b'polza ta' assikurazzjoni ghar-riskji tat-terzi persuni.

U nakkuzah ukoll talli int sirt recidiv ai termni ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, u cioe' Magistrat Dr. Giovanni Grixti LL.M., LL.D, diversament preseduta u datata 6 ta' Marzu, 2006.

Semghet il-provi;

Rat l-atti tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza kienet inizjata kontra zewg persuni izda wara ammissjoni ta' imputat minnhom, l-prosekuzzjoni kienet talbet is-separazzjoni tal-gudizzju u ghalhekk dawn il-proceduri illum huma biss kontra Abdul Baset Dabia;

Illi mill-provi imressqa mill-prosekuzzjoni jirrizulta illi l-imputat kien intercettat mill-pulizija meta dan kien fil-karozza mertu tal-akkuza fis-seat tax-xufier. Dwar dan, xehed l-imputat stess, li ikkonferma illi huwa kien saq il-vettura in kwistjoni, kien responsabbli hu minn din il-vettura u kien qieghed fil-lok fejn intercettat ghaliex kien qed jistenna lill-persuna ohra imputata fuq l-istess akkuzi. Fid-data riportata, l-pulizija griet wara certu Ali Mustafa Kabes li kien ghadu kemm wettaq serq minn Quisisiana tas-Sliema u dan twaqqaf hu u diehel fil-karozza misjuqa mill-imputat. Huwa rema r-rifurtiva taht il-vettura. Kif fuq spjegat, dan il-persuna tressaq il-Qorti biex iwiegeb ta' dan l-eghmil.

L-imputat innega l-konnessjoni tieghu mal-imputat l-iehor u qal li dan kien iltaqa' mieghu il-Belt u talbu jwasslu sa Tas-Sliema ghaliex kien hemm xi hadd li kellu jtih xi flus u talbu jsitennih u fil-fatt hekk ghamel izda dan tfacca lura bir-rifurtiva kif fuq spjegat.  Ali Mustafa Kabes xehed u ikkonferma illi l-imputat Dabia ma kien jaf b'xejn b'dak li kien ghamel Kabes u qatt ma ried jinvolvih fis-serqa.

L-imputat sab ruhu jiddefendi din l-akkuza ukoll ghaliex il-pulizija indunat illi l-vettura minnu misjuqa ma kelliex cavetta u kienet qed tinsaq bil-wires xxortjati.  Inoltre din il-vettura kellha l-licenzja u polza ta' assikurazzjoni skaduti.  Din il-vettura tappartjeni lit-tfajla tal-imputat li dakinhar kellha appuntament l-isptar.  Din xehdet illi hi kienet taf li l-licenzja u l-assikurazzjoni kienu skaduti u ghalhekk kienet wissiet lill-imputat, li joqghod maghha, sabiex ma jmissx il-karozza.  Minkejja dan, huwa ha l-vettura minghajr il-kunsens ta' sidha tant li ma kellux cwievet ghaliha u qabbadha billi xxortja l-wires.

Illi mill-assjem tal-provi jirrizulta illi l-imputat ma kellu x'jaqsam xejn mas-serqa addebitata lil Ali Mustafa Kabes. Il-verzjoni tal-imputat hija wahda kredibbli u meta jghid illi hu ma saqx il-vettura meta rah gej jigri hija attendibbli mal-fatti kollha tal-kaz; mal-fatt illi l-vettura ma kienetx tistartja b'mod normali u li din setghet thalliet mqabbda f'kaz li verament kienet pjanata serqa bejn dawn it-tnejn.

Illi dwar is-serq tal-vettura, jehtieg jinghad illi sid il-vettura qatt ma qalet li l-vettura taghha insterqitilha ghaliex kienet taf min uzaha minghajr il-kunsens taghha.  Dan jammonta ghall-uzu tal-vettura minghajr il-kunsens ta' sidha u mhux serq u la darba l-imputat mhux akkuzat b'tali rejat ma jinstax jinstab hati tieghu;  Ghalhekk l-imputat ma jistax jinstab hati tal-ewwel zewg akkuzi u il-Qorti qed tilliberah minnhom;

Izda, ma jistax jinghad l-istess dwar it-tielet akkuza ghaliex il-fatti huma pruvati fil-grad rikjest mil-ligi u ghalhekk qed jistab hati taghha;

Dwar ir-raba akkuza rigwardanti ir-recediva tal-imputat, din ma kienitx pruvata u ghalhekk qed tilliberah minnha;

Rat l-artikoli 15 (1) (a) (2) Kap 65, 3 Kap 104;

Rat il-fedina penali tal-imputat minn fejn jirrizulta illi fis-6 ta’ Marzu 2006, l-imputat inghata sentenza ta’ sena prigunerija sospiza ghal-sena skond l-artikolu 28 A tal-Kap 9 u dan minn din il-Qorti kif preseduta. Din ma tistax tghaddi inosservat minkejja li l-prosekuzzjoni ma semmiet xejn dwarha. Ghalhekk ai termini tal-Artikolu 28 B qed tirrendi effettiv il-perjodu ta’ sena prigunerija mil-lum. Dwar l-akkuzi odjerni qed tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta’ Lm1500 u tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal-zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------